MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 446/2012

Kawza fil-lista: 21

**B V H**
**vs**
**Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali**
**Nicolette Aquilina**
**b'digriet tas-26 ta' Settembru 2012 gew nominati**
**kuraturi deputati**
**sabiex jirraprezentaw lill-assenti P V**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li gie konfermat bil-gurament, ipprezentat fit-2 ta' Awissu 2012 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-esponenti zzewget lil P V fit-12 ta' Marzu 1998 u l-intimat telaq mid-dar matrimonjali fit-28 ta' Ottubru 2006 u

l-istess esponenti llum ma tafx fejn jinsab l-intimat jew x'sar minnu u ghalhekk zgur li l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal iktar minn erba' snin;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi llum il-gurnata ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qed tigi umilment mitluba sabiex:

Tippronunzja l-hall taz-zwieg u cioe' d-divorzju bejn il-partijiet a tenur ta' l-Artikolu 66 tal-Kap 16 ta' Malta;

Tordna lir-Registartur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqsekk mill-istess Onorabbli Qorti, jazva lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati tas-16 ta' April 2013 li permezz taghha ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Il-provedimenti legali tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta applikabbli ghall-kaz in dizamina huma s-segwenti:-

**Artikolu 66A (1)**

*Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub*

*f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jewb'sentenza*

**Artikolu 66B**

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data ta-sseparazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

**Artikolu 66D**

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, f'każ ta' talba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-talba għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba.*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi mhux kontradetti imressqa mill-attur jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-12 ta’ Marzu 1998 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba’ snin.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar hlas ta’ manteniment.

**Decide**.

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet; u ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------